**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 28**

10 ta' Marzu 2026

It-tmienja u għoxrin (28) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu 2026 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

28.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

28.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

28.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

28.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tas-seba' u għoxrin (27) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

28.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

28.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

28.3.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi ressaq korrispondenza mingħand il-Victim Support Agency li pproponew li tinżamm laqgħa. Il-Kunsill qabel li għandu jikkjarifika ma' min jixtieqũ li tinżamm il-laqgħa sabiex ikun jista' jikkordina kif suppost.

28.3.2. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mingħand Puttinu Cares fejn issuġġerew li l-Kunsill jorganizza l-mixja tal-Ġimgħa l-Kbira b'mod konġunt fejn is-sehem tal-Kunsill ikun li jipprovdi d-dawl u l-mobile toilets. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi l-mobile toilets biss kif dejjem sar.

28.3.3. Is-Sindku għamel riferenza għall-arbli u r-rifletturi li hemm mitfijin. Is-SE ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur kien informah li kien ikkomunika ma' rappreżentant tal-Kunsill. Huwa qal li għandu jikkonferma ma' min kien qed jikkomunika għax jidher li ħadd ma kien qed ikun informat bl-aġġornamenti.

28.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward proposta għal beach club. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jinforma ruħu aħjar qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar dan.

**Nota: 17:31 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**17:32 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

28.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward dokument li jirrigwarda tibdil fil-pjanijiet lokali minħabba l-Avviż Legali li jikkonċerna l-kummerċjalizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-isport. Il-Kunsill qabel li dan l-avviż legali jiġi ċirkolat mal-kunsilleri sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħaddi l-kummenti tiegħu sad-data tas-27 ta' Marzu 2026.

28.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Anti Poverty Forum fejn ressqu proposta lill-Kunsill biex jiffirma il-Verdala Declaration of Homelessness li tikkonferma l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi li qed jipproponu. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jiffirma din id-dikjarazzjoni bil-Kunsilliera SSH tastjeni minn dan.

28.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Senior Nurse tal-iSptar Monte Karmeli fejn il-Kunsill kien ġie mitlub jikkunsidra li jingħataw spazji ta' parkeġġ riservati lil dawn il-ħaddiema.

**Nota: 17:442 Il-Kunsilliera JVP attendiet għal-laqgħa.**

28.3.7.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

**Nota: 17:43 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**17:44 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

28.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand membru tas-sottokumitat tat-tijm organizzattiv tal-kunċert 'Ikun li Trid Int' fejn ipproponew li l-Kunsill jorganizza attività konġuntament magħhom fejn l-ispiża tammonta għal €1500. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx ma' din l-ispiża minħabba li ma jħossx li kien fil-pożizzjoni li jassorbi iktar spejjeż. Minkejja dan il-Kunsill qabel li għandu jagħti s sapport kollu biex jiċċirkola l-materjal u r-reklamar għal din l-attività.

28.3.9. Is-Sindku ressaq proposta mingħand persuna li offriet il-mudell tal-pulptu għal prezz ta' €1000. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mal-proposta u għalhekk ma laqax it-talba.

## 28.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

28.4.1. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għad-dawl mitfi li hemm madwar il-lokalità. Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' komunikazzjoni aħjar bejn il-kuntrattur li jieħu ħsieb id-dawl tal-lokalità u l-Kunsill.

28.4.2. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-istreet banners li hemm madwar il-lokalità u staqsa jekk setgħux jiċċaqalqu wħud minnhom. Is-SE qal li għandu jiċċekkja mal-byelaw u jinforma lill-Viċi Sindku dwar x'inhu possibbli.

28.4.3. Il-Kunsillier JVP għamlet riferenza għax-xogħol fil-masġar u staqsiet kienx hemm xi żvilupp. Il-Viċi Sindku JAE qal li għad m'hemmx konferma għal laqgħa.

28.4.4. Il-Kunsillier JVP staqsiet jekk kienx hemm kwotazzjonijiet għall-plakka tal-viċi sindki li l-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel. Is-SE wieġeb li kien qed jaħdem fuqha.

28.4.5. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għat-tabelli fi Triq Pietro Floriani. Is-SE qal li kien bagħat għall-manutenzjoni.

28.4.6. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għat-tabella fi Triq Ġlormu Cassar u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE informa li din kienet ġiet irrapportata.

28.4.7. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għas-slaleb ta' Triq Sant'Anna li kienu għadhom mixgħulin. Is-SE qal li l-ħaddiema tal-manutenzjoni kienu informati u kien ġie rranġat it-timer.

28.4.8. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għal tabella maqlugħa ħdejn il-pompa tal-petrol qabel ma ddur għall-Istitut Kattoliku. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsiebha.

28.4.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-kapitelli u għall-fanal li hemm fiż-żona tal-blokkii tal-housing fi Triq il-Fosos. Is-Sindku qal li għandu jinforma lill-kuntrattur dwar dan.

28.4.10. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal Taħt il-Forka u qalet li kienet ġiet avviċinata minn xi nies li kellhom xi dgħajjes żgħar li talbu lill-Kunsill biex jibdew jipparkjaw il-karru tad-dgħajsa hemmhekk.

**<u>Nota: 18:02 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.</u>**

28.4.10.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi flimkien mas-Sindku kienu marru fuq il-post u jidher li ma kien ser jinħoloq l-ebda ostaklu u kien hemm biżżejjed spazju biex dan isir.

**<u>Nota: 18:06 Is-Sindku NH reġa' attenda għal-laqgħa.</u>**

28.4.10.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li ma jinħoloq l-ebda ostaklu.

28.4.11. Il-Kunsilliera SSH informat lill-Kunsill kienet ġiet avviċinata rigward is-siġra ta' taħt il-loġoġ u staqsiet jekk il-Kunsill jistax jieħu ħsieb li jaqtagħha. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien f'komunikazzjoni m'Ambjent Malta.

28.4.12. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li l-Kunsill japplika biex isir dog park fil-lokalità taħt l-iskema maħruġa mis-segretarjat parlamentari għall-ħarsien tal-annimali. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jerġa jipproponi l-Masġar tal-Ġublew.

28.4.13. Il-Kunsilliera SSH ressqet proposta biex l-Arċipriet jitħalla jipparkja fuq il-bankina ta' quddiemu. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.

28.4.14. Il-Kunsilliera SSH ressqet proposta biex il-Kunsill jorganizza żjara għat-tfal fil-MICAS. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jieħu ħsieb jikkomunika mal-iskola.

28.4.15. Il-Kunsilliera SSH informat li kienet bagħtet ritratti antiki lis-SE ta' Ġnien il-Mall. Il-Kunsill qabel li għandu jarahom u jiddeċiedi liem ser juża.

28.4.16. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-istatwa tal-Madonna li hemm fit-Telgħa tal-Kapuċċini u staqsiet jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar min hu sidha minħabba li kellha bżonn ir-restawr. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li għandu jintervjeni ġaladarba din ma kienitx taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill iżda għandu jara jekk isirx jaf min hu sidha u jitlob parir minn esperti dwar tindif li jista' jsir fuqha.

## 28.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITAT

28.5.1. Ma kienx hemmx rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

## 28.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

28.6.1. Is-Sindku NH ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 21/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

28.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu.

**Nota: 18:22 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

## 28.7 AĠĠORNAMENTI DWAR IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT

28.7.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi staqsa rigward il-poster tal-attività.

28.7.2. Il-Viċi Sindku JAE wieġeb li hu kien qed jistenna konferma mingħand entità lokali għal sponsorship qabel ma jiġi ppublikat il-poster.

28.7.3. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi ppublikat appena jkun hemm l-informazzjoni kollha neċessarja.

**Nota: 18:23 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

28.7.4. Is-Sindku staqsa jekk għadux isir it-televoting għall-votazzjoni. Is-SE ikkonferma li dan kien ilu li waqaf isir.

## 28.8 APPLIKAZZJONI GĦAL SKEMA MINN PJAZZA GĦAL PJAZZA 2026

28.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

28.8.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk hux possibbli li l-attività ssir matul l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna. Is-SE qal li jidhirlu li skont il-kriterji tal-applikazzjoni trid tkun attività separata.

28.8.3. Il-Kunsill iddiskuta li ssir waqt il-Floriana Fest u qabel li għandu jesplora dan.

28.8.4. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li parti minn dawn il-fondi jintużaw biex jitkantaw il-kliem tal-operetta sabiex terġa' titqajjem it-taqbila bil-mużika. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

28.8.5. IS-SE qal li għandu jiċċekkja sew il-kriterji u jikkonferma jekk dan setax isir.

28.8.6. Il-Kunsill qabel li għandu jsir il-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2026 u jinkorpora dawn il-proposti.

## 28.9 GRAND HARBOUR REVIVAL PLAN U IR-RIĠENERAZZJONI TAL-KOMUNITÀ FURJANIŻA

28.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien hemm proposta biex jinbena park ġewwa s-swar. Huwa qal li hu kien kontra din il-proposta minħabba li l-lokalità ma kienitx nieqsa mill-parks u l-ġonna u issuġġerixxa li l-Kunsill jipproponi li minflok għandu jsir bini sabiex jattira iktar residenti fil-lokalità.

28.9.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-prijorità tal-lokalità kienet fuq il-komunità u r-riġenerazzjoni tagħha u għalhekk kwalunkwe żvilupp għandu jkun b'dan il-għan.

28.9.3. Il-Kunsilliera SSG qalet li kienet ser tastjeni minn din id-diskussjoni u l-vot minħabba li kien hemm laqgħa mal-kumitat tal-partit fil-jiem li ġejjin u xtaqet li titkellem hemmhekk l-ewwel.

28.9.4. Il-Kunsillier DC qal li wieħed irid jara jekk din il-proposta kienitx ser tkun vijabbli.

28.9.5. Is-Sindku wieġeb li għalissa din kienet ser tkun biss proposta u imbagħad tista' tiġi diskussa f'iktar dettall. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jmexxi billi jipproponi dan.

## 28.10 FUNTANI FI ĠNIEN PREZIOSI U ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

28.10.1. Is-Sindku qal li kien ġie avviċinat minn persuna rigward il-funtana li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V sabiex din titranġa u terġa' tibda taħdem.

28.10.2. Il-Kunsilliera SSH ġibdet l-attenzjoni għal xi ilmenti li kien ikun hemm minħabba l-ħsejjes tal-funtana.

28.10.3. Wara li kompla jiddiskuti, il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol neċessarju biex il-funtana terġa' tibda tiffunzjona.

## 28.11 Il-pitch tal-boċċi fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

28.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-piċċ tal-boċċi.

28.11.2. Is-SE qal li kien qed jistenna l-applikazzjoni tad-Dipartiment tal-Artijiet u li l-perit tal-Kunsill kien bagħat aġġornament dakinhar stess.

28.11.3. Il-Viċi Sindku JAE ressaq talba mingħand il-grupp tal-boċċi biex jagħmlu użu minn kamra fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Huwa kompla billi qal li s-sid tal-gabbana ma kienx sab oġġezzjoni.

28.11.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar dettalji u jiċċara xi affarijiet qabel ma jieħu deċiżjoni finali.

## 28.12 Espressjoni ta' interess għal Libreriji fl-Apert

28.12.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar espressjoni ta' interess għal libreriji fl-apert.

28.12.2. Il-Kunsill qal li kien diġà ħa deċiżjoni u ressaq il-proposti tiegħu u għalhekk qabel li għandu jerġa' jressaq l-istess proposti li kienu ġew diskussi f'laqgħa preċedenti.

## 28.13 Skema Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026

28.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-iskema Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026 fejn il-Kunsill kien ġie mistieden jidentifika żoni li għandhom bżonn tindif.

28.13.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jara x'żoni jista' jipproponi għal din l-iskema.

**Nota: 18:58 Is-Sindku talab li jkun skużat.**

## 28.14 TIBDIL FIS-SISTEMA TAC-CHART OF ACCOUNTS

28.14.1. Is-SE fetaħ id-diskussjoni billi qal li d-Dipartimenti tal-Gvern Lokali kien qed jitlob li l-kunsilli lokali jibdlu ċ-chart of accounts tagħhom sabiex ikun hemm chart of accounts waħda li tkun konsistenti mal-kunsilli lokali kollha. Huwa qal li kien qed jiġi propost ukoll li s-sistema tkun cloud based.

28.14.2. Is-SE qal li din kienet idea tajba in prinċipju iżda din id-deċiżjoni kienet ġiet kemxejn tard minħabba li l-Kunsill kien diġà ħallas il-liċenzja għas-software għal din is-sena u għalhekk din il-bidla kienet ser tinkorri spejjeż żejda għall-kunsill. Huwa kompla billi qal li x-xogħol li kien sar s'issa kien ser jintilef kollu u kien ser ikollu jerġa jsir eventwalment.

**Nota: 19:00 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

28.14.3. Is-SE qal li hu kien qed jipproponi li s-sistema l-ġdida tiġi attwata mis-sena l-ġdida ħalli l-Kunsill ikun jista' jkollu l-ħin jippjana u jimplimenta s-sistema ġdida bl-inqas effett fuq l-operat kif ukoll fuq il-finanzi tal-Kunsill.

**Nota: 19:00 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**19:01 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

## 28.15 PROPOSTA TA' ĊITTADINANZA ONORARJA TA' FLORIANA LIL DR YANA PSAILA / SA JULIA ANN CLUETT

28.15.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ippropona li l-Kunsill jagħti ċittadinanza onorarja lil żewġ persuni:

- Dr Yana Psaila, ċittadina Russa li ilha tgħix ħafna fil-Floriana u li tat kontribut xieraq kemm lil-letteratura Maltija kif ukoll lix-xogħol t'Oliver Friggieri
- Sa Julia Ann Cluett li għalkemm mhix imwielda l-Floriana tat kontribut kbir u rrappreżentat il-Floriana diversi drabi.

28.15.2. Il-Kunsill qabel u qabel li dawn iċ-ċittadinanzi onorarji jiġu preżentati f'Jum il-Floriana.

28.15.3. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jistieden lil Yana Psaila sabiex tagħmel il-preżentazzjoni tal-awards hi.

## 28.16 Parkeġġ Riservat Personalizzat

28.16.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li ma jistax jifhem kif persuna mhux residenti fil-lokalità ġiet mogħtija spazju ta' parkeġġ riservat personalizzat.

28.16.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Avukat tiegħu sabiex isir komunikat uffiċjali.

28.16.3. Is-Sindku qal li jekk il-persuna in kwistjoni kienet impjegata allura l-kumpanija kellha tieħu ħsieb tħallaslu parkeġġ privat hi.

## 28.17 Aġġornament tal-laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

28.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.20pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 6 t'April 2026 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 6 ta' April 2026**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |